MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## IAN FARRUGIA

SEDUTA TAT-28 TA' JANNAR, 2014

NUMRU. 338/2013

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Roderick Agius)**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**Vs**

**ALAN WARREN CEFAI**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat Alan Warren Cefai ta' 34 sena, mwieled Attard nhar is-17 ta' Novembru 1978, iben Anthony u Julia nee' Triganza, residenti gewwa 100, Triq Santa Margerita, Siggiewi u detentur tal-karta ta' l-identita' Nru 546478(M) gie akkuzat *talli nhar it-18 ta` Marzu 2013 iddenunzjajt lill-Pulizija Ezekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq hloqt tracci ta` reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar u dan bi ksur ta` l-artikolu 110(2) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Rat li fl-ewwel udjenza ta` llum stess 28 ta’ Jannar 2014 saret l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta’ l-Ufficjal Prosekutur kif wkoll tad-difensur in tema ta’ piena u jew sanzjoni.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjoni kif migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset l-istqarrija tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu tinsab sodisfacentement ippruvata u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghha.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta’ piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali nettissima tal-hati, l-ammissjoni bikrija tieghu fl-ewwel okkazjoni waqt dawn il-proceduri, l-ammissjoni tieghu waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija, il-fatt li huwa wera d-dispjacir ghal dak li kien ghamel, u fuq kollox dak li ssottometta l-ufficjal prosekutur fl-udjenza ta` llum stess u cioe` li l-hati kkopera bis-shih fl-investigazzjoni u li wkoll huwa gia ta d-depozizzjoni tieghu bil-gurament fi proceduri ohra kontra terza persuna.

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446. Dan hu parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 jista jigi applikat sahansitra ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba snin izda mhux aktar minn ghaxar snin. L-Artikolu 110(2) jikkontempla piena ta` prigunerija ghal zmien mhux aktar minn sena.

Illi b'rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema li, fil-qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz il-karattru tal-hati, ma hux spedjenti li twahhal piena.

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI L-QORTI**, wara li rat l-Artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil Alan Warren Cefai hati ta' l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-perjodu ta` tmintax-il (18) xahar mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lil Alan Warren Cefai fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------